**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Novembru, 2016

Rikors Nru : 355/16 AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi huwa żżewweġ mal-intimata fil-25 ta ġunju 2005 u minn dan iż-żwieġ kellhom tifla li jisimha n li twieldet fis-27 ta Novembru 2007.

Illi l-esponenti u l-intimata t-tnejn Maltin u domiċiljati f'Malta.

Illi huma sseparaw konsenswalment permezz ta` kuntratt fl-atti tan-Nutar Margaret Heywood tad-29 ta' Jannar 2008 u ilhom attwalment separati minn dak iż-żmien sallum u ma hemm l-ebda possibilita ta` rikonċiljazzjoni bejniethom.

Illi ma hemmx issues rigward manteniment.

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna illi wara li jgħaddi ż-żmien utili skond il-liġi, li kopja tad-digriet relattiv jiġi komunikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jiġi debitament reġistrat skond il-liġi.

Rat ir-risposta tal-intimata illi giet ikkonfermata minnha bil-gurament, li permezz taghha tirrileva :

Illi l-esponenti taqbel mal-premessi tar-rikors promotur tal-attur Alexander Attard;

Illi ghaldaqstant l-esponenti mhix topponi ghat-talbiet tal-attur ghall-hall taz-zwieg;

Illi finalment l-esponenti tirrileva illi hija tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe **'Said'**;

Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti a savju gudizzju ta' din il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Awwissu, 2016;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi l-intimata talbet illi tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' 'Said', il-Qorti tilqa' din it-talba u tordna notifika ta' dan id-digriet lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghall-azzjoni mehtiega;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta' Jannar 2008 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.